**Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**
**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Rikors Guramentat Nru : 638/2022MH**
**Fl-ismijiet :**

**Angela Terranova (Passaport Taljan Nru: CA56415KM; Francesca Penna (Passaport Taljan bin-numru YB3548146 u Guglielmo Penna (Passaport Taljan bin-numru YB7678912) kif debitament rappreżentati mill-mandatarju speċjali tagħhom l-Avukat Adrian Camilleri (ID 350380M) tal-171, Old Bakery Street, Valletta VLT1455**

***VS***

**Carmelo Timperanza bin-numru tal-Kodici Fiscali Taljan TMPCML47B121535P**

**Illum, 16 ta' Diċembru, 2022**

**Il-Qorti.**

Rat ir-rikors ta' **Angela Terranova (Passaport Taljan Nru: CA56415KM); Francesca Penna (Passaport Taljan bin-numru YB3548146 u Guglielmo Penna (Passaport Taljan bin-numru YB7678912) kif debitament rappreżentati mill-mandatarju speċjali tagħhom l-Avukat Adrian Camilleri (ID 350380M)** fejn ġie espost illi:-

*« Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' Modica, gewwa Sqallija l-Italja tat-23 ta' Novembru 2011, fl-ismijiet Angela Terranova (Passaport Taljan Nru: CA56415KM; Francesca Penna (Passaport Taljan bin-numru YB3548146 u Guglielmo Penna (Passaport Taljan bin-numru YB7678912) vs. Carmelo Timperanza (kopja awtentika tas-sentenza flimkien ma' traduzzjoni awtentika tas-sentenza awtorizzata u approvata mill-istess Qorti bil-lingwa Ingliza immarkati bhala Dok "A" u "B"), l-Intimat gie ikkundannat ihallas lil rikorrenti l-ammont ta' Eur53,400 flimkien mal-imghax u l-ispejjez legali*

*Illi peress li l-proċeduri li waslu għas-sentenza 'l fuq ċċitata inbdew qabel il-15 ta' Jannar 2012, is-sentenza taqa' fl-ambitu tar-Regolament 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali;*
*Illi, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament 44/2001, sentenza mogħtija minn Stat Membru għandha tiġi* **rikonoxxuta** *mill-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura speċjali;*

*Illi madanakollu, l-Artikolu 47 tar-Regolament 44/2001 jipprovdi illi:*

> *'Meta sentenza għandha tiġi rikonoxxuta skond dan ir-Regolament, xejn m'għandu jfixkel lill-applikanet milli jagħmel użu mill-miżuri proviżjorji, inklużi miżuri protettivi, skond il-liġi ta' l-Istat Membru mitlub mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni permezz ta' l-Artikolu 41'*

*u għalhekk kontestwalment ma' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jippreżentaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors li qed isir taħt l-Artikolu 38 tar-Regolament 44/2001, għal* ***dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà****;*

*Illi skont l-Artikolu 38(1) tar-Regolament 44/2001, sentenza moghtija fi Stat membru u ezegwibbli f'dak l-Istat ghandha tigi ezegwita fi Stat Membru iehor, meta, fuq ir-rikors ta' parti interessata, din tkun giet dikjarata rikonoxxuta u ezegwibbli hemmhekk.*

*Illi dan ir-rikors, filwaqt li tiżgura notifika fuq id-debitur tas-sentenza kif mitlub mir-Regolament 44/2001, qed isir fuq bażi ex parte, kif iddettat fl-Artikolu 41 tal-istess Regolament li jghid:*

> *Is-sentenza għandha tiġi dikjarata eżekutorja* ***immedjatament*** *mat-twettiq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 mingħajr xi reviżjoni taħt l-Artikoli 34 u*

35. ***Il-parti li kontra tagħha tintalab l-eżekuzzjo'i m'għandhi'x f'dan l-istadju tal-proċeduri jkollha d-dritt li tagħmel xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni.***

*Illi id-dokumenti kollha msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament huma mehmuża ma' dan ir-rikors, inkluż:*

*a. Kopja ċċertifikata tas-sentenza (flimkien ma' traduzzjoni ċertifikata tagħha bil-lingwa Ingliza) Dok "A" u "B";*
*b. Kopja tac-certifikat fil-forma ta' Annex V tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 44/2001 mahrug mil-Qorti ta' Modica bil-lingwa Ingliza, kopja hawn annessa u mmarkata Dok "C"(flimkien ma' traduzzjoni ċċertifikata tiegħu bil-lingwa Taljana annessa hawn taħt bħala Dok "D").*

*Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jaderixxu lil din il-qorti biex, prevja kwalunkwe provvediment u/jew dispozizzjoni li joghgobha tiddikjara l-imsemmija decizjoni infurzabbli u ezegwibbli kontra l-intimat f'Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat;"*

Rat li l-intimat ġie debitament notifikat kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti.

Rat li hawn qed jiġi invokat ir-regolament tal- Kunsill (KE) nru.44 tas-sena 2001, in kwantu hawn si tratta ta' proċċeduri li nbdew qabel 10 ta' Jannar, 2015. Illum fil-fatt dan ir-rikonoxximent u enforżar ta' sentenzi barranin jaqa' fl-ambitu tar-regolamenti 1215/2012 l-imsejjaħ Recast.

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma dan ir-rikors.

Rat li ma hemm ebda raguni riskontrabbli għala t-talba kif dedotta m'għandhiex tiġi milqugħa u ma ġiet mressqa ebda risposta n protesta ta' dan. F'dan ir-rigward huwa ta' interess dak li tgħid is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fir-rigward ta' resistenzi li jistgħu jsiru għal din it-talba fl-ismijiet **Av.Dr. Jos. Sultana noe. vs Maray & Grant Limited et.** datata 15/12/2015.

Konsegwentement qegħda tilqa t-talba u tiddikjara li l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti ta' Modica, ġewwa Sqallija mogħtija fit 23 ta' Novembru, 2011 fl-ismijiet Angela Terranova (Passaport Taljan nru. CA56415KM), Francesca Penna (Passaport Taljan bin-numru YB3548146) u Guglielmo Penna (Passaport Taljan

bin-numru YB768912) vs Carmelo Temperanza bħala deċizjoni infurżabbli u eżegwibbli kontra l-intimat f'Malta.

Bl-ispejjeż għal l-istess intimat.

**Onor.Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara.**
**Dep Reg**